# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 722/01GV**

**Michele Peresso Ltd.**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hamest elef, seba' mija u tnejn u tmenin lira u tmintax il-centezmu (Lm5,782.18) prezz ta' merci konsistenti f'*toileteries* u medicini lilha mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta attrici.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata thallas naqset.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u in vista tal-affidavit ta' George Peresso (Dok. A) :-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, seba mija u tnejn u tmenin lira u tmintax il-centezmu (Lm5,782.18) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet l-ammont mitlub ghal-hamest elef, erba' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmi (Lm5,474.64);

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talba kif redotta;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' hamest elef, erba' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmi (Lm5,474.64) bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**